MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2007

Rikors Numru. 95/2006

**John Farrugia**
**Vs**
**Fogg Insurance Agencies Ltd ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Mark Anthony Portelli abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-ligi u Mark Anthony Portelli u Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited ghall kull interess li jista jkollha.**

**Il-Qorti:-**

Rat illi nhar is-27 ta' Marzu 2006 ir-rikorrenti John Farrugia kontestwalment mar-rikors odjern ipprezenta rikors mahluf fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet hemm specifikati fl-ewwel lok ir-revoka u thassir tas-sentenza ta' din l-Qorti moghtija fit-12 ta' Lulju 2005 fil-kawza fl-ismijiet "**Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs John Farrugia pro et noe"** (Avviz Numru 491/2004/SM) a tenur ta' l-artikolu 811(b) tal-kap.12 tal-

Ligijiet ta’ Malta u fit-tieni lok ir-ritrattazzjoni tal-istess kawza prevja d-debita notifika tal-esponent skond il-ligi bl-att promotur tal-gudizzju.

Illi r-rikorrenti spjega illi qabel il-prezentata tal-imsemmi rikors mahluf, l-atturi f’dik il-kawza u cioe Fogg Insurance Agencies Limited u Mark Anthony Portelli ottjenew il-hrug kontra l-esponenti fil-kwalita personali tieghu ta’ Mandat ta’ Qbid esekuttiv Numru 476/2006 u ta’ Mandat ta’ Sekwestru esekuttiv Numru 477/2006 li t-tnejn li huma gew ezegwiti.

Illi bhala effett ta’ dawn iz-zewg mandati diga gew kolpiti oggetti mobbli u flus appartenenti lill-esponent fil-kwalita personali tieghu li l-valur taghhom komplessiv jaghmel tajjeb ghall-esekuzzjoni tas-sentenza.

Illi esekuzzjoni ulterjuri tas-sentenza u taz-zewg mandati fuq riferiti senjatament il-biegh in subbasta tal-oggetti mobbli kolpiti bil-Mandat ta’ Qbid Numru 476/2006 u l-izbank tal-flus kolpiti f’idejn is-sekwestratarji bil-Mandat ta’ Sekwestru Numru 477/2006 certament tikkaguna pregudizzju akbar lill-esponent milli tikkaguna lil Fogg Insurance Agencies Limited noe u lill-istess Mark Anthony Portelli.

Ghaldaqstant l-esponent a tenur ta’ l-Artikolu 823 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta prevja l-ghotja tal-garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza in kwistjoni, talab bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha twaqqaf l-esekuzzjoni tas-sentenza ta’ din il-Qorti moghtija fit-12 ta’ Lulju 2005 fil-kawza fl-ismijiet **“Fogg insurance Agencies Limited noe et vs John Farrugia pro et noe”** (Avviz Numru 491/2004/SM).

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti diversament preseduta nhar id-29 ta’ Marzu 2006 fejn appuntat ir-rikors odjern ghas-smiegh ghas-seduta tat-2 ta’ Gunju 2006 fid-disgha ta’ filghodu w ordnat notifika ta’ l-istess lill-intimati ghar-risposta fiz-zmien li trid il-ligi.

Rat illi r-rikors odjern gie notifkat lis-socjeta intimata Fogg Insurance Agencies Ltd nomine nhar id-19 ta' April 2006 u lis-socjeta intimata Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited nhar is-17 ta' April 2006.

Rat illi nhar is-6 ta' Gunju 2006 is-socjeta intimata Fogg Insurance Agencies Limited ipprezentat ir-risposta taghha li tghid:-

1. Illi l-Artikolu 823(2) tal-kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, illi abbazi tieghu jidher illi qed isir ir-rikors fl-ismijiet fuq premessi, jipprovdi espressament illi l-ordni tat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' Sentenza tinghata biss mill-Qorti kompetenti jekk, flimkien mat-talba ghas-sospensjoni ta' Sentenza:-

a. **Tinghata garanzija** minn min jaghmel it-talba – ir-rikorrenti naqas milli jispecifika x'tip ta' garanzija dispost illi jaghti, u l-ammont illi huwa jqis illi jkun sufficjenti sabiex jghamel tajjeb ghal din l-istanza.

b. **Jigi muri ghas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi l-esekuzzjoni tas-Sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti illi kontrieha tkun ha tigi ezegwita s-Sentenza,** milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja – l-eccipjenti ssottomettiet umilment illi r-rikorrenti naqas milli mqar jaccenna b'liema mod l-esekuzzjoni tas-Sentenza illi ghaliha jaghmel referenza fir-rikors tieghu tista' tikkagunalu pregudizzju.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba saret biss u unikament minn John Farrugia mentri s-Sentenza illi l-eccipjenti qieghed ifittex illi jezegwixxi hija moghtija ukoll fil-konfront ta' Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited u ghalhekk l-eccipjenti ssottomettiet bir-rispett illi fi kwalunkwe kaz, hija m'ghandhiex tigi mwaqfa milli tezegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront ta' l-istess socjeta imsemmija.

Illi nhar is-27 ta' Gunju 2007 xehed ir-rikorrenti **John Farrugia** u spjega illi huwa kien azzjonist u Direttur tas-socjeta intimata Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited li llum tinsab in likwidazzjoni. Ikkonferma illi l-indirizz registrat mal-MFSA ta' din is-socjeta huwa 'Paul's', Pierre Muscat Street, Rabat waqt li huwa jghix mal-familja tieghu fl-indirizz 'Amarige', Triq Bir ir-Rikka, M'xlokk u ilu jghix hemm ghal dawn l-ahhar tnax-il sena.

Spjega illi n-negozju tas-socjeta li taghha huwa Direttur jigi gestit dejjem mill-ufficcju tar-Rabat u li f'Dicembru 2003 din is-socjeta waqfet topera u marret *in liquidation* tant li anke likwidatur gie appuntat. Mistoqsi jekk huwa jircevix il- korrispondenza tas-socjeta fid-dar tieghu M'xlokk huwa wiegeb fin-negattiv.

Stqarr illi huwa sar jaf bil-kawza li giet deciza kontra tieghu u tas-socjeta minnu rapprezentata, meta darba minnhom waqt li kien xoghol cemplitlu l-mara u qaltlu li kien hemm xi marixxalli tal-Qorti sabiex jesegwixxu xi mandati li kellhom mill-Qorti. Huwa ghalhekk minnufih mar jiltaqa' maghhom u sar jaf bis-sentenza li giet deciza fil-konfront tieghu ghaliex gie muri l-karti relattivi minghand il-Marixxal u ghalhekk il-Mandat ta' Qbid numru 476/06 imsemmi aktar 'l fuq gie esgwit. Aktar tard sar jaf li gie ezegwit ukoll Mandat ta' Sekwestru numru 477/06 fuq il-flus tieghu personali li ghandu l-Bank.

Illi fl-istess seduta tas-27 ta' Gunju 2007 xehdet mart ir-rikorrenti **Nathalie Farrugia.** Din spjegat illi hija kienet taghmel xi xoghol ta' *accounts* ghas-socjeta ta' zewgha u cioe dik intimata Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited u kienet titla l-ufficju taghha ir-Rabat ta' sikwit gieli kuljum. Mistoqsija jekk l-ufficcju kienx jinzamm maghluq spjegat illi sa Dicembru 2003 dan kien jinfetah regolarment izda wara li s-socjeta marret *in liquidation* kien hemmhekk li l-ufficju nghalaq.

Ikkonfermat dak li qal zewgha li l-ufficcju tas-socjeta Zoqdi Hydro Rocks Construction Limited kien ir-Rabat waqt li hija kienet tghix ma zewgha u uliedha M'Xlokk.

Spjegat illi darba minnhom kienet id-dar M'xlokk u f'daqqa u l-hin cempel il-bieb u sabet zewg marixxali li xtaqu jezegwixxu Mandat ta' Qbid fuq hwejjigha personali. Hija kienet sorpriza ghaliex ma kienet taf xejn dwar is-sentenza li nghatat u ghalhekk cemplet lil zewgha li mar fuq il-post minnufih. Illi skond parir moghti lilha mill-avukat taghha fuq it-telefon hija ma setghetx twaqqaf il-marixxali milli jezegwixxu l-mandat li kellhom. Ghalhekk il-Mandat ta' Qbid gie ezegwit fuq il-hwejjeg taghha personali li kien hemm fid-dar matrimonjali taghhom u sussegwentement saret taf li anke Mandat ta' Sekwestru fuq il-kont bankarju taghha u ta' zewgha gie ezegwit.

Hija spjegat ukoll li hija qed issofri pregudizju kbir bl-esekuzzjoni tal- Mandati u dan ghaliex filwaqt li hija ghandha flus marbutin il-Bank bil-Mandat ta' Sekwestru b'imghax baxx hija qed thallas *loan* b'rata ta' imghax ghola u in oltre jekk il-Qorti tordna l-biegh in subbasta tal-oggetti maqbuda bil-mandat ta' Qbid hija ser tispicca minghajr l-effetti personali taghha fid-dar.

Semghet il-partijiet jittrattaw r-rikors f'din l-istess seduta tas-27 ta' Gunju 2007.

Il-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti mir-rikorrenti fosthom is-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar 12 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet **<u>Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs John Farrugia pro et noe</u> (**Avviz Numru 12 ta' Lulju 2005) markata bhala dokument 'A'. Minn ezami ta' dan id-dokument jidher li r-rikorrenti odjern kien kontumaci w ghalhekk it-talbiet tas-socjeta intimata Fogg Insurance Agencies Ltd gew milqugha u r-rikorrent gie kkundannat ihallasha s-somma ta' Lm3,283.91 bl-ispejjes.

Rat id-dokument immarkat bhala dokument 'B' li huwa estratt mehud mid-dokumentazzjoni mizmum mill-MFSA li jindika li r-rikorrenti verament ighix fil-fond 'Amarige', N/S in Triq Bir  ir-Rikka, M'Xlokk waqt li l-indirizz tas-socjeta intimata Hydro Rocks Construction Company Limited huwa 'Paul's', Pierre Muscat Street, Rabat.

Rat id-dokument markat bhala document ‘C’ li huwa kopja tal-Madat ta’ Qbid esekuttiv Numru 476/06 mahrug fl-ismijiet Fogg Insurance Agencies Limited pro et noe vs John Farrugia et ghas-somma globali ta’ LM3,881.19 . Minn ezami ta’ dan id-dokument jirrizulta li l-mandat ta’ Qbid in kwistjoni gie esegwit fir-residenza tar-rikorrenti fuq effetti immobiljari taghhom fosthom xi salott, gradenza u xi mejda.

Rat id-dokument markat bhala dokument ‘D’ li huwa Mandat ta’ Sekwestru mahrug fl-istess ismijiet ta’ Fogg Insurance Agencies Limited pro et noe vs John Farrugia et fis-somma ta’ Lm3,881.19 fuq il-kontijiet bankarji tar-rikorrenti.

Ikkunsidrat:-

Illi r-rikorrenti qed jitlob lil din il-Qorti tordna t-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza imsemmija aktar ‘l fuq u qed jibbaza ir-rikors tieghu fuq l-artikolu 823 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan sakemm jigi deciz ir-rikors l-iehor li huwa ressaq ghar-ritrattazzjoni tas-sentenza moghtija minn din il-Qorti nhar it-12 ta’ Lulju, 2005 fl-ismijiet **“Fogg insurance Agencies Limited noe et vs John Farrugia pro et noe”** (Avviz Numru 491/2004/SM).

L-Artikolu 823 tal-Kapitolu 12 tal-ligijiet ta’ Malta jaqra hekk:

**823.** (1) It-talba għar-ritrattazzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata.

(2) B’dak kollu li hemm fid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista’, ad istanza, b’rikors kemm quddiem il-Qorti ta’ l-Appell kemm quddiem il-qorti ta’ l-ewwel grad, tal-parti li tagħmel dik it-talba, tordna t-twaqqif ta’ esekuzzjoni tas-sentenza jekk –

(*a*) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix

imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10); u

(*b*) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.

(3) Il-garanzija msemmija fis-subartikolu (2)(*a*), meta tingħata, għandha fil-każijiet kollha taħdem bħala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza li tordna l-arrest jew priġunerija tad-debitur.

(4) Il-preżentata tar-rikors li jkun fih it-talba għat-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma għandhiex taħdem bħala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' dik is-sentenza kemm-il darba, wara rikors f'dak is-sens, il-qorti ma tordnax għal raġuni tajba dak it-twaqqif ta' esekuzzjoni.

(5) Meta l-esekuzzjoni ta' sentenza tkun ġiet awtorizzata bis-sentenza attakkata ma għandhomx japplikaw id-disposizzjonijiet tas-subartikoli (2), (3) u (4).

(6) Appell minn sentenza li tiċħad it-talba għat-twaqqif ta' esekuzzjoni tas-sentenza attakkata ma għandu f'ebda każ jaħdem bħala twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' din l-aħħar sentenza.

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Cutajar vs Roberta Muscat** moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-16 ta' Dicembru, 2002:

"*Din il-procedura qeghda issir fit-termini ta' l-Artikolu 823 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi dan fis-subinciz (2) tieghu:*

*"... il-Qorti li quddiemha tintalab ritrattazzjoni tista ad istanza b'rikors quddiem il-Qorti ta' l-Appell* (jew il-Qorti ta' l-Ewwel Grad, bhal ma hu l-kaz odjern) *tal-parti li taghmel dik it-talba tordna t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza jekk:*

*a) flimkien mat-talba tagħha dik il-parti tagħti garanzija tajba għall-esekuzzjoni tas-sentenza, jekk ma tiġix imħassra, magħduda dik il-garanzija kif imsemmija fl-artikolu 266(10); u*

*b) jiġi muri għas-sodisfazzjon tal-qorti illi l-esekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaġuna preġudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni tkun tikkaġuna lill-parti kuntrarja.*

*"Is-subinciz (3) ghall-Artikolu precitat jipprovdi illi 'Il-garanzija msemmija fis-subartikolu (2)(a), meta tingħata, għandha fil-każijiet kollha taħdem bħala twaqqif ta' esekuzzjoni ta' sentenza li tordna l-arrest jew priġunerija tad-debitur'.*

*Fl-interpretazzjoni moghtija lil dan is-subinciz (3) mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza* ***Albert Rizzo vs Agnes mart Paul Bezzina et*** *fl-10 ta' Jannar, 1995 inghad li l-garanzija "mhijiex komponenti 'sine qua non' ta' l-azzjoni stabbilita minn dan l-Artikolu ghaliex kieku kienet, is-subinciz ma kienx juza l-frazi meta tinghata. Difatti s-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza li timplika arrest jew prigunerija tad-debitur ghandha dejjem tinghata mill-Qorti jekk ic-citazzjoni (illum ir-rikors fit-tieni grad) tkun akkumpanjata mill-garanzija" (Ara wkoll* ***Giuseppina Bugeja et vs Isidoro Agius*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-17 ta' Marzu, 1993)."* Ara ukoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet: **Palmar Limited vs Victor Ciantar** ukoll deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar, 2003.

Ukoll, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-digriet moghti minnha fit-18 ta' Ottubru, 2005 fl-ismijiet **Kunsill Lokali Mellieha et vs Central Mediterranean Development Corporation Limited (Cenmed)** qalet illi:

"*Biex jinbdew il-proceduri odjerni – u cioe dawk skond l-artikolu 823(2) tal-Kap.12 – ebda garanzija ma hi mehtiega li tigi depozitata. Tali garanzija (kawtela) hija mehtiega ghall-fini tar-rikors ghar-ritrattazzjoni (Artikolu 815, Kap. 12) u mhux tar-rikors odjern*".

Illi minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li l-ammont mitlub mill-intimat Fogg Insurance Agencies Limited huwa dak ta' Lm3,881.19 u bl-esekuzzjoni taz-zewg mandati fuq imsemmija (li ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar l-esekuzzjoni taghhom) hemm kawtelat id-doppju ta' dak dovut u cioe is-somma ta Lm3,881.19 ghal darbtejn. Illi ghalhekk zgur li jista jinghad li s-socjeta intimata ghandha garanzija tajba ghall-esekuzzjoni tas-sentenza una volta jigi deciz ir-rikors ta' ritrattazzjoni.

Dwar it-tieni rekwizit ta' dan l-artikolu 823 tal-Kap. 12 u cioe dak ta' l-aqwa jew l-anqas pregudizzju fil-bilancja bejn il-kontendenti r-rikorrenti tghid illi huwa sejjer isofri pregudizju kbir jekk l-oggetti li hemm maqbuda bil-Mandat ta' Sekwestru jigu moghddija lil kunsinnatarju sabiex issir il-biegh in subbasta taghhom ghaliex dawn huma oggetti personali tal-familja tieghu li jinsabu fir-residenza taghhom u huma ta' uzu ghal hajja ta' kuljum tar-rikorrenti u l-familja tieghu.

Il-Qorti hija tal-fehma illi din ir-riflessjoni tar-rikorrenti hija wahda serja u mehud rigward taz-zminijiet u tal-komportament uman, din il-veduta jimmerita li tinghata widen.

Il-Qorti hija ukoll tal-fehma li l-intimat ghandu mohhu mistrieh li l-flejjes dovuti lilu huma maqbuda bil-Mandat ta' Sekwestru u li ghalhekk meta dawn jigu, sakemm mhux diga gew, depositati l-Qorti allura l-istess socjeta intimata tkun protetta adekwatament.

Ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li t-talba rikorrenti ghandha tigi milqugha b'dan illi qed tordna it-twaqqif tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija nhar it-12 ta' Lulju 2005 fl-ismijiet **Fogg Insurance Agencies Limited noe et vs John Farrugia pro et noe** fil-konfront ta' l-istess rikorrenti u dan sakemm tigi deciza l-kawza ta' ritrattazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------